MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 665/1997/1

**George Pace**

**Vs**

**Charles Gauci**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti George Pace fil-21 ta' Marzu 1997 li permezz tieghu huwa espona:-

Illi l-esponent gie kanonizzat kreditur tal-konvenut b' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tad-29 ta' Frar 1988, li kopja taghha giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. A, fis-somma ta' Lm3540.93 (tlett elef, hames mija u erbghin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu) kwantu ghal Lm2000 (elfejn lira Maltija) sorte, Lm1443.07 (elf, erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija u

seba’ centezmi) imghax ikkalkolati mid-data tas-sentenza sallum oltre imghaxijiet ulterjuri sa l-effettiv pagament, Lm97.86 (sebgha u disghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu) spejjez;

Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta t-titolu ezekuttiv seta’ gie ezegwit;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas u sahansitra gie pprezentat Mandat ta’ Qbid Nru. 472/89 li kopja tieghu giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. B;

Illi sar ftehim bejn il-partijiet illi l-kreditu dovut mid-debitur jibda jithallas fuq akkont izda l-ahhar pagament li sar mid-debitur kien fil-11 ta’ April 1995 u b’ kollox hallas l-ammont ta’ Lm2376 (elfejn, tliet mija u sitta u sebghin lira Maltija);

Illi d-debitur baqalu jhallas lill-kreditur is-somma ta’ Lm1164.93 (elf mija u erbgha u sittin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu) oltre imghaxijiet ulterjuri sa l-effettiv pagament;

Talab ghaldaqstant ir-rikorrenti lil din l-Onorabbli Qorti illi jigu ravvivati d-drittijiet ta’ l-attur kontra l-konvenut u b’ hekk l-kreditu jerga’ jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista’ jigi ezegwit kontra d-debitur, dan taht il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi;

Rat illi l-intimat Charles Gauci ghalkemm debitament notifikat bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni, baqa’ ma pprezentax ir-risposta tieghu, u dan anke wara li d-difensur tieghu kien talab li jinghata l-fakolta biex jipprezenta tali risposta, liema talba giet milqugha skond il-verbal tas-27 ta’ Gunju 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti istitwixxa l-kawza odjerna biex jezegwixxi s-sentenza tad-29 ta' Frar 1988 (kopja esebita a fol. 4) billi kienu ghaddew aktar minn hames snin. F' dan hu segwa d-dispost ta' l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li "wara l-gheluq ta' hames snin minn dakinhar li fih skond il-ligi t-titolu ezekuttiv imsemmi fl-Artikolu 253 seta' jigi ezegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b' rikors quddiem il-Qorti kompetenti";

Mill-ezami ta' l-atti processwali l-Qorti hi sodisfatta li f' dan il-kaz (i) ghaddew aktar minn hames snin, (ii) li l-legittimu kontradditur f' din il-kawza baqa' l-konvenut fil-kawza l-ohra, (iii) li dan gie debitament notifikat bl-istanza *de quo* anke jekk saret bil-procedura ta' l-affissjoni (ara fol. 21, fol. 25, fol. 27, fol, 39 u fol. 49) skond l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12, u (iv) li skond verbal a fol. 23 gie konfermat li l-ammont kien ghadu dovut;

L-intimat baqa' ma wegibx ghat-talba tar-rikorrenti. Certament anke kieku wiegeb dan ma setax jissolleva eccezzjonijiet fil-meritu f' kawza ghall-awtorizzazzjoni ta' ezekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke ghaliex eccezzjonijiet konsimili setghu dejjem jigu facilment sollevati fil-proceduri antecedenti li wasslu ghas-sentenza. Kif kienet irragunat is-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Falzon *proprio et nomine* -vs- Joseph Vella *et***", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taccetta l-principju li l-konvenut jithalla jqajjem eccezzjonijiet fil-meritu tkun qeghda tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li konvenut jinghata l-opportunita` li jtawwal il-proceduri kontrih;

Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f' kawza ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gja kanonizzat bis-sentenza precedenti. F' dan is-sens hi d-decizjoni fl-ismijiet "**John Portelli *nomine* -vs- Henry Azzopardi *proprio et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1997.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi r-rikors interpost billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta, bl-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------